REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 302/2013

tas-27 ta' Marzu 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 616/2007 dwar il-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 144(1) u 148, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 ([2]) jipprovdi għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, mit-Tajlandja u minn pajjiżi terzi oħra

(2) Sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi, il-kwantitajiet minimi u massimi applikabbli għall-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni u għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jiġu emendati u armonizzati.

(3) Bil-ħsieb li tittejjeb u tkun armonizzata l-ġestjoni tal-kwoti, jeħtieġ li tiġi aġġustata s-sigurtà għal ċerti kwoti u l-validità tal-liċenzji tal-importazzjoni filwaqt li, għal ċerti gruppi, tiġi eskluża l-possibbiltà ta' trasferiment tal-liċenzji tal-importazzjoni.

(4) Fl-Anness għandu jiġi speċifikat li l-allokazzjoni ta' ċerti kwoti għal pajjiżi oħra, f'ċerti każijiet, għandha tinkludi wkoll jew il-Brażil jew it-Tajlandja.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax l-opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Kull applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni jew għal dritt tal-importazzjoni għandha tirrispetta r-rekwiżit ta' kwantità minima f'tunnellati kif ukoll ir-rekwiżit għal perċentwali massima tal-kwantità disponibbli għall-perjodu jew perjodu sekondarju ta' kwota konċernat. Dawn ir-rekwiżiti għal kull kwota separata huma stipulati fl-Anness I.";

(b) Il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. Il-kaxxa 20 tal-applikazzjoni għal-liċenzja u l-liċenzja għandha tinkludi waħda mill-entrati mniżżla fl-Anness II, il-Parti A.

Il-kaxxa 24 tal-liċenzji għandha tinkludi waħda mir-referenzi mniżżla fl-Anness II, il-Parti B.

Għall-Gruppi Numri 3 u 6 A, u għall-kwota 6B bin-numru tas-serje 09.4262, il-kaxxa 24 tal-liċenzji għandha tinkludi waħda mill-entrati mniżżla fl-Anness II, il-Parti C.

Għall-Grupp Numru 8 u l-kwota 6B bin-numru tas-serje 09.4261, il-kaxxa 24 tal-liċenzji għandha tinkludi waħda mill-entrati mniżżla fl-Anness II, il-Parti D.

Għall-kwoti tal-grupp 6B, bin-numri tas-serje 09.4263, 09.4264 u 09.4265, il-kaxxa 24 tal-liċenzji għandha tinkludi waħda mill-entrati mniżżla fl-Anness II, il-Parti E.";

(2) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Mal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal-liċenzja għall-Gruppi Numri 2, 3, 6 A, 6B u 8, għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 50 għal kull 100 kilogramma. Għall-Gruppi Numri 1, 4 A, 4B u 7, il-garanzija għandha tkun stabbilita għal EUR 10 għal kull 100 kilogramma u għall-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni għall-Gruppi Numri 5 A u 5B, il-garanzija għandha tkun stabbilita għal EUR 35 għal kull 100 kilogramma.";

(3) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

1. B'deroga mill-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (*), il-liċenzji tal-importazzjoni u d-drittijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu validi mill-ewwel jum tal-perjodu jew tal-perjodu sekondarju tal-kwota li għalih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni u sat-30 ta' Ġunju tal-istess perjodu ta' kwota.

Madanakollu, għall-Gruppi Numri 5 A u 5B, il-liċenzji għandhom ikunu validi għal 15-il jum ta' xogħol mid-data proprja tal-ħruġ tal-liċenzji, skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

2. B'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, id-drittijiet li ġejjin mil-liċenzji għall-gruppi li mhumiex il-Gruppi Numri 5 A u 5B, mhumiex trasferibbi.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.

3. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, it-trasferiment tad-drittijiet li ġejjin mil-liċenzji għall-Gruppi Numri 5 A u 5B huwa limitat għall-konċessjonarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà definiti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 u fl-Artikolu 4(1) u (2) ta' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.";

(4) L-Anness I jinbidel bit-test stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Anness II ta' dan r-Regolament jiżdied bħala l-Parti E tal-Anness II.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

"ANNESS I

Laħam tat-tjur immellaħ jew fis-salmura (*)

Pajjiż	Grupp Nru	Perjodiċità tal-ġestjoni	Nru tas-serje	Kodiċi NM	Dazju doganali	Kwantità annwali (f'tunnellati)	Kwantità minima għal kull applikazzjoni	Kwantità massima għal kull applikazzjoni
Il-Brażil	1	Trimestrali	09.4211	ex 0210 99 39	15,4 %	170 807	100 t	10 %
It-Tajlandja	2	Trimestrali	09.4212	ex 0210 99 39	15,4 %	92 610	100 t	5 %
Oħrajn	3	Annwali	09.4213	ex 0210 99 39	15,4 %	828	10 t	10 %

(*) L-applikabbiltà tas-sistema preferenzjali hija ddeterminata fuq il-bażi tal-Kodiċi NM, bil-kundizzjoni li l-laħam immellaħ jew fis-salmura konċernat ikun laħam tat-tjur li jaqa' taħt il-kodiċi 0207 tan-NM.

Preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur minbarra tad-dundjan

Pajjiż	Grupp Nru	Perjodiċità tal-ġestjoni	Nru tas-serje	Kodiċi NM	Dazju doganali	Kwantità annwali (f'tunnellati)	Kwantità minima għal kull applikazzjoni	Kwantità massima għal kull applikazzjoni
Il-Brażil	4 A	Trimestrali	09.4214	1602 32 19	8 %	79 477	100 t	10 %
			09.4251	1602 32 11	630 EUR/t	15 800	100 t	10 %
			09.4252	1602 32 30	10,9 %	62 905	100 t	10 %
	4B	Annwali	09.4253	1602 32 90	10,9 %	295	10 t	100 %
It-Tajlandja	5 A	Trimestrali	09.4215	1602 32 19	8 %	160 033	100 t	10 %
			09.4254	1602 32 30	10,9 %	14 000	100 t	10 %
			09.4255	1602 32 90	10,9 %	2 100	10 t	10 %
			09.4256	1602 39 29	10,9 %	13 500	100 t	10 %
	5B	Annwali	09.4257	1602 39 21	630 EUR/t	10	10 t	100 %
			09.4258	ex 1602 39 85 (1)	10,9 %	600	10 t	100 %
			09.4259	ex 1602 39 85 (2)	10,9 %	600	10 t	100 %
Oħrajn	6 A	Trimestrali	09.4216	1602 32 19	8 %	11 443	10 t	10 %
			09.4260	1602 32 30	10,9 %	2 800	10 t	10 %
	6B	Annwali	09.4261 (3)	1602 32 11	630 EUR/t	340	10 t	100 %
			09.4262	1602 32 90	10,9 %	470	10 t	100 %
			09.4263 (4)	1602 39 29	10,9 %	220	10 t	100 %
			09.4264 (4)	ex 1602 39 85 (1)	10,9 %	148	10 t	100 %
			09.4265 (4)	ex 1602 39 85 (2)	10,9 %	125	10 t	100 %

(1) Laħam ipproċessat tal-papri, tal-wiżż u tal-farawna, li fih 25 % jew iktar tal-piż iżda inqas minn 57 % tal-piż tal-laħam jew ġewwieni tat-tjur.
(2) Laħam ipproċessat tal-papri, tal-wiżż u tal-farawna, li fih anqas minn 25 % tal-piż tal-laħam jew ġewwieni tat-tjur.
(3) Ħlief il-Brażil, inkluż it-Tajlandja.
(4) Ħlief it-Tajlandja, inkluż il-Brażil.

Preparazzjonijiet tal-laħam tad-dundjan

Pajjiż	Grupp Nru	Perjodiċità tal-ġestjoni	Nru tas-serje	Kodiċi NM	Dazju doganali	Kwantità annwali (f'tunnellati)	Kwantità minima għal kull applikazzjoni	Kwantità massima għal kull applikazzjoni
Il-Brażil	7	Trimestrali	09.4217	1602 31	8,5 %	92 300	100 t	10 %
Oħrajn	8	Trimestrali	09.4218	1602 31	8,5 %	11 596	10 t	10 %"

ANNESS II

"E. Entrati msemmija fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 4(7):

bil-Bulgaru: Не следва да се използва за продукти с произход от Тайланд в съответствие с Регламент (ЕО) № 616/2007.

bl-Ispanjol: No puede utilizarse para productos originarios de Tailandia en aplicación del Reglamento (CE) nº 616/2007.

biċ-Ċek: Nepoužije se u produktů pocházejících z Thajska v souladu s nařízením (ES) č. 616/2007.

bid-Daniż: Kan ikke anvendes for produkter med oprindelse i Thailand i henhold til forordning (EF) nr. 616/2007.

bil-Ġermaniż: Gemäß der Verordnung (EG) Nr. 616/2007 nicht verwendbar für Erzeugnisse mit Ursprung in Thailand.

bl-Estonjan: Ei ole kasutatav Tai päritolu toodete puhul vastavalt määrusele (EÜ) nr 616/2007.

bil-Grieg: Δεν μπορεί να χρησιμοποιηθεί για τα προϊόντα καταγωγής Ταϊλάνδης κατ' εφαρμογή του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 616/2007.

bl-Ingliż: Not to be used for products originating in Thailand pursuant to Regulation (EC) No 616/2007.

bil-Franċiż: N'est pas utilisable pour des produits originaires de Thaïlande en application du règlement (CE) nº 616/2007.

bit-Taljan: Da non utilizzare per prodotti originari della Thailandia in applicazione del regolamento (CE) n. 616/2007.

bil-Latvjan: Piemērojot Regulu (EK) Nr. 616/2007, neizmanto Taizemes izcelsmes produktiem.

bil-Litwan: Nenaudojama produktams, kurių kilmės šalys yra Tailandas, taikant Reglamentą (EB) Nr. 616/2007.

bl-Ungeriż: Nem alkalmazandó a Thaiföldről származó termékekre a 616/2007/EK rendelet alapján.

bil-Malti: Ma jistax jintuża għall-prodotti li joriġinaw mit-Tajlandja, b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 616/2007.

bl-Olandiż: Mag niet worden gebruikt voor producten van oorspong uit Thailand overeenkomstig Verordening (EG) nr. 616/2007.

bil-Pollakk: Nie stosuje się w przypadku produktów pochodzących z Tajlandii zgodnie z rozporządzeniem (WE) nr 616/2007.

bil-Portugiż: Não utilizável para produtos originários da Tailândia, em aplicação do Regulamento (CE) n.º 616/2007.

bir-Rumen: Nu se utilizează pentru produsele originare din Thailanda în aplicarea Regulamentului (CE) nr. 616/2007.

bis-Slovakk: Podľa nariadenia (ES) č. 616/2007 nepoužívať pre výrobky pochádzajúce z Thajska.

bis-Sloven: V skladu z Uredbo (ES) št. 616/2007 se ne uporablja za proizvode s poreklom iz Tajske.

bil-Finlandiż: Ei voimassa Thaimaasta peräisin olevien tuotteiden osalta asetuksen (EY) N:o 616/2007 mukaisesti.

bl-Isvediż: Får inte användas för produkter med ursprung i Thailand i enlighet med förordning (EG) nr 616/2007."